MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 210/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Falzon talli fit-18 ta' Settembru, 2001 u fil-granet ta' qabel, f' Birzebbuga:-

**(1)** immalfama lill Jason Falzon minn Marsascala, u aktar talli
**(2)** nhar il-24 ta' Settembtu, 2001 ghall-habta tas-6.30pm fil-Fgura hedded lill Jason Falzon,
**(3)** talli fl-istess data, hin u lok qal kliem oxxen jew indecenti fil-pubbliku,
**(4)** talli fl-istess data, hin u lok kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku,

**(5)** talli fl-istess data, hin u lok stieden lill Jason Falzon ghal-glied bil-gebel,
**(6)** talli fl-istess data, hin u lok hebb ghal Jason Falzon sabiex jingurjah, idejjqu u jaghmillu hsara,
**(7)** kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok insulenta u hedded lill Lourdes Falzon minn Marsascala;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Lulju 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Anthony Falzon hati skond l-imputazzjonijiet kollha ghajr ghall-ewwel wahda (li minnha lliberatu) u kunndannatu ghal xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Anthony Falzon, minnu ppresentat fis-6 ta' Awissu 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semfget lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi. It-tieni aggravju hu dwar il-piena.

Din il-Qorti, wara li fliet il-provi bir-reqqa, hi tal-fehma li t-tielet u l-hames imputazzjonijiet ma jirrizultaw b'ebda mod pruvati, u ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx legittimament issibu hati taghhom. B'referenza ghall-hames imputazzjoni in partikolari, ghalkemm huwa minnu li l-appellant qabad xi gebel u possibilment kien ser iwaddbu (ara d-deposizzjoni ta' Jason Falzon, deposizzjoni li din il-Qorti ma tarax ghala m'ghandhiex titwemmen), ma jirrizultax li huwa stiedem lil xi hadd ghall-glied b'dan l-istess gebel. In fatti jidher pjuttost li Jason Falzon beza' li missieru kien ser jitfa' l-gebel biex jaghmel hsara fil-proprjeta` tal-principal tieghu (ara d-deposizzjoni a fol. 23). Ghalhekk ma jistax jinghad li jikkonfigura r-reat kontemplat fl-Artikolu 339(1)(a) tal-Kap. 9. Kwantu ghar-reati l-ohra ipotizzati fit-tieni, fir-raba', fis-sitt u fis-seba' imputazzjoni dawn jirrizultaw pruvati, kif korrettement ikkonkludiet l-ewwel qorti.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva li l-fedina penali ta' l-appellant ma gietx ezibita mill-prosekuzzjoni. Minkejja dan, mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant huwa persuna li mhux kapaci li jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu, u jhalli r-rabja tigri bih. F'dan is-sens huwa bniedem li kapaci johloq perikolu ingustifikat ghal haddiehor, b'mod ghalhekk li piena karcerarja hija indikata.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (**1**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant Anthony Falzon hati skond it-tielet imputazzjoni u skond il-hames imputazzjoni (mill-liema zewg imputazzjonijiet qed tilliberah) kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu xahar detenzjoni, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' ghoxrin gurnata detenzjoni; u (**2**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------